

32006R2028

L 414/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2028/2006

tat-18 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 600/2005 rigward l-awtorizzazzjoni tat-tħejjija ta' l-addittivi għall-għalf *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750, li jagħmlu parti mill-grupp ta' mikroorganiżmi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1831/2003 tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutrimient ta' l-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipola l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimient ta' l-annimali u għall-bażi u l-proċeduri biex tingħata t-tali awtorizzazzjoni.

(2) It-tħejjija ta' *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750, li jagħmlu parti mill-grupp ta' "mikroorganiżmi", kienet awtorizzata mingħajr limitu ta' żmien b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ⁽²⁾ bħala additiv għall-għalf għall-użu minn ħnieżer nisa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1453/2004 ⁽³⁾, għall-użu mid-dundjani għat-tismin u l-għoġġiela sa tliet xhur bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005 ⁽⁴⁾, għall-użu mill-ħnieżer għat-tismin u l-ħnienes permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/2004 ⁽⁵⁾ Sussegwentement, dan l-addittiv iddah-ħal fir-Reġistru Komunitarju ta' l-Addittivi fl-Għalf bħala prodott eżistenti, skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għal emenda ta' l-awtorizzazzjoni ta'

din it-tħejjija biex tippermetti l-użu tagħha fl-għalf għad-dundjani għat-tismin li fihom l-ammonju coccidiostat maduramicin permess. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti metieġa taħt l-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel ("l-Awtorità") fl-opinjoni tagħha tat-12 ta' Lulju 2006 ikkonkludiet li l-kompatibbiltà tat-tħejjija ta' l-addittiv *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 ma' l-ammonju maduramicin kienet stabbilita. L-opinjoni ta' l-Awtorità tivarverifika wkoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittivi għall-għalf f'għalf sottomess mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-evalwazzjoni ta' din it-tħejjija turi li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 kienu sodisfatti.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 600/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Komitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 600/2005 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

⁽²⁾ ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif imħassra bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

⁽³⁾ ĠU L 269, 17.8.2004, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 99, 19.4.2005, p. 5.

⁽⁵⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 24.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 600/2005 id-daħla għal E1700, *Bacillus licheniformis* DSM 5749 u *Bacillus subtilis* DSM 5750 għall-ispeċi ta' annimal dundjani għat-tismin tinbidel f'dan li ġej:

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrezzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut mas-simu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalfshih			
Mikroorganiżmi								
"E 1700	<i>Bacillus licheniformis</i> DSM 5749 u <i>Bacillus subtilis</i> DSM 5750 (fi proporzjon ta' 1/1)	Taħlita ta' <i>Bacillus licheniformis</i> u <i>Bacillus subtilis</i> li fiha minimu ta' $3,2 \times 10^9$ CFU/g addittiv ($1,6 \times 10^9$ minn kull batterju)	Dundjani għat-tismin	—	$1,28 \times 10^9$	$1,28 \times 10^9$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabbiltà għal <i>pelleting</i> . Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats permessi: — diclazuril, halofuginone, monensin sodium, robenidine u ammonju maduramicin.	Mingħajr limitu ta' żmien"